MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## ANNA FELICE

Seduta tad-9 ta' Novembru, 2010

Citazzjoni Numru. 203/2008

**A B**

**-vs-**

**A C**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ta’ B A fejn din, wara li ppremettiet:

Illi l-partijiet izzewgu fit-tmienja u ghoxrin ta’ April tas-sena elfejn u tnejn (28.04.2002), kif jirrizulta mic-certifikat taz-zwieg hawn anness u mmarkat bhala Dok. A;

Illi minn dan iz-zwieg, il-partijiet ma kellhomx tfal;

Illi z-zwieg tal-partijiet huwa null billi l-kunsens tal-partijiet kien vizzjat b’difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju fuq il-

hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, jew b'anomalija psikologika serja li ghamlitha mpossibbli ghalihom li jaqdu l-obbligi essenzjali taz-zwieg;

Illi l-istess zwieg huwa null billi l-kunsens tal-partijiet inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg;

Illi l-istess zwieg huwa null billi l-kunsens tal-partijiet inkiseb b'qerq dwar xi kwalita' tal-parti l-ohra li tista' mix-xorta taghha tfixkel serjament il-hajja mizzewga;

Illi ghalhekk iz-zwieg tal-partijiet huwa null u minghajr ebda effett a tenur tal-artikolu 19 (1) (c) (d) u (f) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta;

Illi l-attrici taf b'dawn il-fatti personalment;

Illi ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Ghaldaqstant, l-attrici titlob sabiex din l-Onorabbli Qorti joghgobha:

Tiddikjara illi z-zwieg li gie kkuntrattat fit-tmienja u ghoxrin ta' April tas-sena elfejn u tnejn (28.04.2002), huwa null u minghajr effett a tenur tal-artikolu 19 (1) (c) (d) u (f) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut, li minn issa huwa ngunt in subizzjoni.

Rat li, ghalkemm debitament notifikat, C A ghazel li ma jwegibx ghall-kawza.

Rat id-dokument esebit u l-affidavit prezentati.

Rat li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

Ikkunsidrat illi l-attrici f'din il-kawza qed titlob dikjarazzjoni ta' nullita' taz-zwieg taghha a tenur tal-Art. 19 (1) (c) (d) u/jew (f) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta. Il-partijiet ilhom

mizzewgin xi tmien snin. Ma jirrizultax mill-provi li qatt isseparaw legalment. Anzi fil-mori tal-kawza, din il-Qorti giet infurmata wkoll li qed isiru tentattivi ghal rikonciljazzjoni bejn iz-zewg mizzewgin.

Ghar-rigward tal-kontumacja tal-konvenut, il-Qorti tibda biex tirreferi ghas-sentenza:

“**Anna Tonna vs Alexander Tonna**”, (deciza mill-Qorti ta’ l-Appell fis-6 ta’ Novembru, 1991):

“Hawn ma ahniex fil-kamp ta’ kreditu likwidu jew responsabbilta’ ta’ xi kollizjoni imma f’kamp l-iktar delikat u serju u l-Qorti ma tistax thalli nies li kappriccozament wara xi zmien ta’ zwieg jiddeciedu illi kellhom nuqqas ta’ diskrezzjoni fuq iz-zwieg u meta jkollhom siehba jew sieheb iehor jergghu jakkwistaw malajr din id-diskrezzjoni u jsiru maturi. Fejn jirrizultaw verament ragunijiet ghall-annullamnet tieghu l-istess zwieg ghandu jigi annullat pero’ dan ma ghandux ikun sabiex jigu akkomodati l-kapricci ta’ dak jew l-iehor. Ghalhekk il-kawza li ghall-annullament ghandha tirrizulta cara u minghajr dubju.”

Kif ukoll ghas-sentenza:

“**Joseph Zammit vs Bernadette Zammit**”, (deciza mill-Qorti ta’ l-Appell fis-27 ta’ Jannar, 2006):

“Irid mill-ewwel jigi senjalat principju fondamentali fil-ligi civili u cioe’ li z-zwieg bejn il-kontendenti ghandu jkun prezunt li jkun wiehed validu. Ghalhekk huwa dover assolut ta’ kull parti fil-kawza li taghmel prova sodisfacenti ta’ l-allegazzjonijiet rispettivi taghha dwar l-allegazzjoni cioe’ li z-zwieg kien null, ghaliex l-oneru tal-prova huwa dejjem fuq spallejn min jallega.”

Il-partijiet iltaqghu meta kienu ghadhom zghar. It-tnejn gejjin minn familji minghajr problemi. Izzewgu wara li kienu ilhom jafu lil xulxin tmien snin. Qatt ma kellhom tfal. It-tnejn kellhom xoghol li kien jirrikjedi mpenn qawwi u sighat twal barra mid-dar, anki bil-lejl fil-kaz tar-ragel, li kien pulizija.

F'dawn ic-cirkostanzi, ir-relazzjoni ta' bejn il-partijiet bdiet tisfaxxa sakemm, skond l-istess attrici, il-konvenut beda relazzjoni adultera. L-attrici tghid ukoll li hija qatt ma riedet li jkollha tfal u baqghet ta' din il-fehma.

Il-Qorti tibda biex tezamina l-validita' o meno tal-kunsens moghti mill-partijiet mill-aspett ta' difett serju ta' diskrezzjoni kif kontemplat fl-Art. 19 (1) (d) tal-Kap. 255. Din il-Qorti diversament presjeduta fl-10 ta' Novembru 1995, fil-kawza "**Emanuel Camilleri vs Carmen Camilleri**", (deciza mill-Qorti Civili Prim'Awla fl-10 ta' Novembru, 1995) ippronunzjat ruhha hekk f'dan il-kuntest:

"Ikun hemm id-difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fis-sens ta' l-ewwel parti tal-paragrafu (d) imsemmi kemm-il darba jirrizulta li, fil-ghoti tal-kunsens matrimonjali, parti jew ohra tkun priva b'mod sostanzjali, ossia gravi, minn dik il-fakolta' kritika – estimativa jew kritika – valutativa dwar l-oggett tal-kunsens taz-zwieg, jew minn dik il-maturita' affettiva li hija presuppost ghall-ghazla libera dwar l-imsemmi oggett. Id-difett serju ta' diskrezzjoni, ghalhekk, ma hux sempliciment nuqqas ta' riflessjoni, lanqas ma jfisser li wiehed jaghmel ghazliet jew decizjonijiet zbaljati – in fatti decizjoni jew ghazla zbaljata hi prettament kompatibbli ma' diskrezzjoni ta' gudizzju."

L-istess Qorti fil-kawza "**Angela Spiteri xebba Selvaggi vs Joseph Spiteri**", (deciza mill-Qorti Civili Prim'Awla fl-4 ta' Novembru, 1994) qalet hekk:

"B'difett serju ta' diskrezzjoni, il-legislatur ma riedx ifisser semplicement kwalsiasi stat ta' immaturita', il-parti jew ohra fiz-zwieg tista' tkun fiha fil-mument li jinghata l-kunsens reciproku. Li kieku l-legislatur irrikjeda maturita' shiha u perfetta, ftit jew addirittura ebda zwieg ma kien ikun validu. In-nuqqas ta' discretio judicii hu kuncett guridiku intrinsikament marbut mal-kapacita' ta' parti jew ohra fiz-zwieg li taghti l-kunsens liberu u xjenti taghha ghar-rabta taz-zwieg."

Fid-dawl ta’ dan l-insenjament, il-Qorti, mill-ftit provi prodotti, ma ssib ebda sostenn ghall-allegazzjoni tal-attrici ta’ nuqqas ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju. Il-fatt li z-zwieg tal-partijiet ma rnexxiex mhux necessarjament minhabba dan in-nuqqas. Anzi, il-Qorti ttendi tahseb li kien in-nuqqas ta’ mpenn waqt iz-zwieg li wassal ghat-tifrik tar-relazzjoni. L-attrici tghid hekk:

“Nghid ukoll illi waqt l-gherusija qatt ma tkellimna bizzejjed fuq x’ser tfisser il-hajja mizzewga u s-sagrificcji li din kienet ser iggib maghha. Ahna t-tnejn kien mohhna f’li ingemmghu l-flus u b’hekk inkomplu navvanzaw fil-karriera rispettiva taghna. Qatt ma iddiskutejna kif ser tkun il-hajja waqt iz-zwieg. Jekk kienx ser ikun il-kaz li xi hadd minnha jkun irid jaghmel sagrificcji ghal familja bhal ma ghamlu l-genituri rispettivi taghna”.

L-attrici tibbaza t-talba taghha ukoll fuq is-subinciz (c) tal-imsemmi Art. 19, liema subinciz testwalment jipprovdi ghal dikjarazzjoni ta’ nullita’ ta’ zwieg

“Jekk il-kunsens ta’ xi wahda mill-partijiet ikun inkiseb b’qerq dwar xi kwalita’ tal-parti l-ohra li tista’ mix-xorta taghha tfixkel serjament il-hajja mizzewga.”

Fil-kawza “**Mary Farrugia vs Joseph Farrugia**”, (deciza mill-Qorti Civili Prim’Awla fit-13 ta’ Marzu, 1995):

“Biex tissussisti s-sitwazzjoni ravvisata fil-paragrafu in dizamina iridu jikkonkorru erba’ affarijiet: (1) il-qerq perpetrat bil-hsieb li wiehed jikseb il-kunsens tal-parti; (2) li l-qerq ikun incida fuq il-kunsens tal-parti; (3) li l-qerq ikun jirrigwarda xi kwalita’ tal-parti l-ohra; u (4) li din il-kwalita’ tkun tista’ mix-xorta tgahha tfixkel serjament il-hajja mizzewga”.

Fil-kaz in ezami, il-Qorti ma ssib ebda element ta’ qerq kif rikjest mil-ligi kif interpretata kostantement minn dawn il-Qrati.

Fl-ahharnett, l-attrici tinvoka wkoll is-subinciz (f) tal-Art. 19 (1) li jipprovdi ghal dikjarazzjoni ta’ nullita’.

“Jekk il-kunsens ta’ xi wahda mill-partijiet ikun inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta’ xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg.”

Il-Qorti tirreferi f’dan il-kuntest ghas-sentenza pjuttost ricenti tal-Qorti tal-Appell fil-kawza “**Adrian Busietta vs Eileen Busietta**”, (deciza mill-Qorti ta’ l-Appell fit-30 ta’ April, 2009):

“Fid-duttrina jinghad li jkun hemm simulazzjoni meta, fil-mument tal-ghoti tal-kunsens matrimonjali, parti jew ohra (jew it-tnejn) esternament turi li qed taghti l-kunsens matrimonjali, izda internament u b’att posittiv tal-volonta’ taghha tkun qed tichad il-kunsens ghal dak iz-zwieg (simulazzjoni totali), jew, dejjem b’dak l-att pozittiv tal-volonta’, tkun qed teskludi xi element jew proprjeta’ essenzjali ghaz-zwieg (simulazzjoni parzjali) – ara f’dan is-sens **Muscat vs Borg Grech noe**, deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fl-14 ta’ Awwissu, 1995. Kif jinghad ukoll minn O. Giacchi fil-ktieb “Il consenso nel matrimonio canonico” (Ediz. 1968 pagna 92),
“Nell’animo del nubente, perche’ si abbia simulazione... occorre che vi sia non un’assenza della volonta’ matrimoniale, ma la presenza di una positiva volonta’ di escludere.” ”

Fil-kaz odjern, l-attrici tghid hekk:

“Jiena ridt li nibni l-karriera tieghi u ma kontx disposta li nkun il-persuna fiz-zwieg li ncedi sabiex ikollna familja. Din kienet wahda mir-ragunijiet il-ghala ma ridtx li jkollna t-tfal. Fuq dan il-punt, jiena u C konna niggieldu ta’ spiss u dan peress li huwa ried li jkollna t-tfal, izda jien ma ridtx. Dan il-punt jiena qatt ma semmejtulu lil C qabel iz-zwieg. Nahseb li hadha for granted li jiena ukoll ridt it-tfal u dan peress li konna immorru tajjeb hafna mat-tfal ta’ haddiehor. Imma kif diga’ ghidt, jiena ridt li jkolli l-karriera tieghi l-ewwel u qabel kollox”.

Ohtha xehdet hekk fl-affidavit taghha f’dan il-kuntest:

“Nispjega li dak iz-zmien kien ikun hemm xi argumenti bejn ohti u C. L-aktar argument li kont nisma’ dwaru kien dwar it-tfal. Ohti ma riditx li jkollha tfal, filwaqt li C kien ikun irid”.

Il-habiba taghha tghid hekk:

“Maz-zmien is-sitwazzjoni ta’ bejniethom aggravat. Kienet tghidli li kien qed ikollha disgwid serju ma’ C u dan peress li huwa ried it-tfal u hi ma riditx”.

Il-Qorti tqis illi dawn jidhru li jirreferu ghaz-zmien tal-hajja mizzewga tal-partijiet. Ghall-mument deciziv, u cioe’ il-mument tal-ghoti tal-kunsens, il-Qorti ma ngabitilha ebda prova ghajr dak li qed tghid issa l-attrici li zammet mistur ghaliha. Il-fatt li waqt iz-zwieg hija ma riditx tfal wahdu ma jippruvax illi meta zzewget, l-attrici eskludiet il-possibilita’ li f’xi zmien issir omm.

“Dan apparti l-fatt li jiena ma kontx lesta ghat-tfal”.

Il-kliem iwassal lill-Qorti tifhem li l-fehma taghha kienet wahda temporanja, mhux dejjiema. Kienet sitwazzjoni ta’ posponiment mhux eskluzjoni.

Fil-fehma ta’ din il-Qorti, l-attrici ma rnexxilhiex tipprova sal-grad rikjest mil-ligi l-eskluzjoni li tallega.

**Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti taqta’ u tiddeciedi billi:**

Tichad it-talba tal-attrici.

L-ispejjez jithallsu mill-attrici.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------